MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 26/1993/2

**Marianna mart Felice Sciberras, Francis Bugeja, Carmelo Bugeja, Philip Bonnici, Guiseppe Bonnici, Lawrence Rapa**
**u b'nota tal-20 ta' Jannar, 1994, Spiru Formosa assuma l-atti ta' din il-kawza flok Lawrence Rapa fil-kwalita` tieghu f'din il-kawza, li jinsab imsiefer**
**u Anthony Farrugia**

**vs**

**Maria Rosa Tabone**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'rikors tal-11 ta' Frar 1997 Maria Rosa Tabone talbet li din il-Qorti, ghar-ragunijiet hemm moghtija, thassar is-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar, 1997 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi (Citazz. nru 26/93) u li l-kawza tigi ritrattata skond il-ligi a tenur tal-artikoli 811(i) u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mismugha mill-gdid. Bl-ispejjes.

Ir-retroxena ta' din it-talba hija migbura b'mod koncizz u dettaljat fil-premessi ta' dan ir-rikors u ghalhekk dan qed jigi riprodott hawn taht fl-intier tieghu, dan jghid hekk:-
*(1) "Illi permezz ta' citazzjoni ppresentata fil-5 ta' Frar, 1993, quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, Marianna Sciberras u ohrajn, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti mehtiega, ippremettew li b'sentenza ta' dik il-Qorti moghtija fl-1 ta' Gunju, 1989 fil-kawza fl-ismijiet "Marianna Sciberras et vs Maria Rosa Tabone" (Citazz. nru 123/86), l-esponenti giet ikkundannata li fi zmien gimgha mid-data ta' dik is-sentenza kellha taghti lil kull wiehed u wahda mill-atturi cavetta tal-fond 15, Xlendi Beach, Xlendi, u li thallihom jaghmlu uzu liberament mill-ambjenti komuni tal-istess fond barra l-kamra li tinsab mikrija lilha bhala hanut; li din l-Onorabbli Qorti b'sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992, ikkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjes kontra l-esponenti, pero` tatha l-fakolta` li sa l-ahhar ta' April, taghmel a spejjes taghha xogholijiet strutturali tali li jassikuraw access tal-atturi ghall-ambjenti tal-fond in kwistjoni bl-eskluzjoni tal-kamra mikrija lilha u dan bl-anqas hsara u inkonvenjent possibbli u jekk u meta dawn ma jsirux l-istess esponenti kienet kundannata li lil kull wiehed mill-atturi tfornihom, a spejjes taghhom, b'cavetta tal-bieb ta' barra tal-fond, minn liema bieb huma*

*kienu jistghu jaccedu ghall-ambjenti l-ohra minbarra l-kamra mikrija lilha; li din l-Onorabbli Qorti bid-digriet taghha tas-16 ta' Settembru, 1992, wara li spjegat lill-esponenti li x-xogholijiet li kienet awtorizzata taghmel kellhom isiru fil-hanut, estendiet it-terminu li fih il-konvenuta setghet tagmel tali xogholijiet ghall-ahhra darba sat-18 t'Ottubru, 1992; li mhux biss l-esponenti ma tatx cavetta lill-atturi l-ohra u halliethom jghaddu liberament ghall-ambjenti komuni mill-bieb ta' barra tal-fond numru 15, imma bi sfida ghal dak li gie spjegat lilha minn din l-Onorabbli Qorti, ghamlet bieb tal-hadid imsakkar fuq gewwa bejn il-hanut mikri lilha u l-kumplament tal-fond u ghadha qeghda tirrifjuta li tobdi l-ordni tal-Qorti sallum; li dak li kienet giet ikkundannata li taghmel l-esponenti kellha taghmlu hi bilfors u l-atturi ma setghux jigu awtorizzati li jaghmluh a spejjes taghha, u ghalhekk fid-19 ta' Ottubru, 1992, huma pprezentaw quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-Gzejjer t'Ghawdex u Kemmuna li bih talbu l-hrug fil-konfront tal-esponenti ta' Mandat in Factum (Mandat Numru 1649/92); li b'degriet tat-30 t'Ottubru, 1992, dik il-Qorti cahdet it-talba tal-atturi fuq il-mottiv li "billi l-A.I.C. Joseph Dimech nominat mill-Qorti sabiex jissorvelja l-esekuzzjoni tas-sentenza ddikjara li x-xogholijiet in esekuzzjoni saru"; li l-motivazzjoni tad-Degriet fuq imsemmi ma kienitx biss zbaljata u kontra l-fatti cari u reali, imma kienet taghmilha impossibbli ghall-atturi li jesegwixxu s-sentenza li nghatat favur taghhom; li huma kellhom id-dritt li jaraw li s-sentenza li nghatat favur taghhom kellha tigi esegwita realment u fedelment kif ordnat mill-Qorti;*

*(2) Illi ghalhekk, huma talbu li dik il-Qorti, prevja r-revoka contrario imperio tad-Degriet taghha tat-30 t'Ottubru, 1992, tawtorizza l-hrug ta' Mandat in factum kif ga` mitlub mill-atturi f'kaz li (t-terminu) li jkun gie prefiss lill-esponenti jghaddi inutilment;*

*(3) Illi, b'nota taghha, l-esponenti eccepiet li t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress li d-degriet impunjat mill-atturi kien validu u peress li ma kien hemm qatt lok li jinhareg il-Mandat pretiz mill-atturi;*

*(4) Illi b'sentenza taghha tal-1 ta' Frar 1994, il-Qorti tal-Magistrati ghall-Gzejjer t'Ghawdex u Kemmuna fil-kompetenza taghha Superjuri, cahdet, ghall-motivi u*

*ragunijiet hemm indikati, t-talba tal-atturi bl-ispejjes kontra taghhom;*
*(5) Illi b'nota tat-8 ta' Frar, 1994, l-atturi interponew appell mill-imsemmija sentenza, u fit-23 ta' Frar, 1994, ippresentaw petizzjoni tal-Appell ghall-quddiem din l-Onorabbli Qorti;*
*(6) Illi b'sentenza taghha tas-27 ta' Jannar, 1997, din l-Onorabbli Qorti laqghet l-appell interpost mill-atturi u filwaqt li rrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti moghtija fl-1 ta' Frar, 1994, irrevokat ukoll, contrario imperio d-degriet ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ottubru, 1992 u ordnat il-hrug ta' Mandat in factum kontra l-esponenti jekk kemm-il darba hija ma tesegwix is-sentenza ta' l-1 ta' Gunju, 1989, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kif konfermata minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 1992, u dan fi zmien perentorju ta' xahar dekorribbli mis-27 ta' Jannar, 1997, stabbilit bl-istess sentenza. Gie ordnat ukoll il-hrug ta' Mandat in factum kif mitlub mill-atturi, jekk it-terminu jghaddi inutilment. Bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-esponenti;*

It-talba ghar-ritrattazzjoni hija indirizzata lejn il-proceduri bejn l-istess partijiet li gew determinati bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 1997 u liema proceduri jgibu c-citazzjoni numru 26/93. It-talba tar-ritrattanda hija msejsa fuq il-provvedimenti tas-subincizi (i) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 881(i) – jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin.**
F'dan ir-rigward qed jigi sottomess li bejn is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Jannar, 1997, u dik minnha konfermata tat-13 ta' Jannar, 1992, hemm disposizzjonijiet li jmorru kontra xulxin. Ghaliex filwaqt li dik is-sentenza taghmilha cara li l-access ghall-intimati kellu jkun ad eskluzzjoni tal-kamra mikrija lill-esponenti (ritrattanda), kemm id-degriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Settembru, 1992 u kif ukoll is-sentenza tas-27 ta' Jannar, 1997, imorru dijametrikament kontra dik id-disposizzjoni.

Fir-rikors promotur ir-ritrattanda kompliet hekk: "*Ta' min jghid, fil-verita`, li din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza l-aktar*

*ricenti taghha, stqarret li l-kliem uzat fil-parti dispositiva tas-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992, ma kienux cari hafna, imma jidher car li, kull min irid iwettaq b'mod logiku u ekwu d-dispositiv ta' dik is-sentenza ma kien jkollu l-ebda dubju li x-xoghol fakoltativ li l-esponenti kienet imhollija taghmel kellu jkun bil-mod ghaqli li l-perit mahtur minn din l-Onorabbli Qorti kien indika li kellu jsir."*

**Artikolu 811(l) – jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.**

Fin-nota spejgattiva ghas-subinciz (l) ta' l-Artikolu 811 jinghad li: "*Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."*

Dwar dan l-aggravju qed jigi sottomess li fis-sentenza tas-27 ta' Jannar, 1997 "*Din l-Onorabbli Qorti fehmet li kemm il-Perit Dimech u kif ukoll l-esponenti meta segwiet l-istruzzjonijiet tieghu, kienu manifestament sfidaw id-degriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Settembru, 1992. Dan, kif inghad, ma kien qatt notifikat la lill-esponenti u lanqas lill-imsemmi Perit, u l-ewwel darba li rrizulta kien fl-atti ta' kawza ohra intavolata mill-intimati bosta xhur wara li kienu saru x-xogholijiet in esekuzzjoni tas-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992. Irid jinghad li tant l-esponenti ma kenitx a konoxxenza tal-imsemmi Degriet, li kienet diga' temmet ix-xogholijiet qabel it-18 ta' Settembru, 1992, li kien it-terminu estiz lilha prefiss b'Degriet iehor precedenti ta' din l-istess Qorti, u li, dwar fejn kellhom isiru x-xogholijiet fakoltativi ma kien hemm l-ebda indikazzjoni."*

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

In materja ta' ritrattazzjoni huwa ben stabbilit li dan ir-rimedju, ta' natura hekk straordinaria billi jintroduci it-tielet grad tal-ezami gudizzjarju tal-kontestazzjoni, jirrapresenta deroga mill-principju "*res judicata pro veritate habetur*" u ghalhekk huwa intiz bhala mizura eccezzjonalissima necessitata biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi.

(Appell 26.4.93 – Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Sullivan). F'dan il-kuntest gie wkoll ritenut li "*Il rimedio della ritrattazjone e` ammesso soltanto nei casi tassativament stabiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che solo puo` mettere fine alle liti.*" (G.L. Bonnici vs Dr. Carlo Galea Naudi Appell 3.4.1922). Wara kollox *interest reipublicae ut sit finis litium*.

Is-sentenza tas-27 ta' Jannar, 1997 li permezz ta' dawn il-proceduri din il-Qorti giet mitluba li thassar u li konsegwentement tigi ritrattata l-kawza, inghatat f'kawza provokata mill-atturi ritrattati minhabba l-allegata inadempjenza tal-konvenuta (ritrattanda) li tikkonforma bi precizjoni mad-dettami ta' sentenza anterjuri moghtija fl-1 ta' Gunju, 1989 mill-Qorti ta' Ghawdex (Sede Superjuri) kif konfermata minn din il-Qorti, diversament komposta, b'modifika fakoltattiva ghall-konvenuta fl-esekuzzjoni taghha b'sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992.

Bis-sentenza ta' l-1 ta' Gunju, 1989 fil-kawza fl-istess ismijiet (Citaz. Nru. 123/86MM) il-konvenuta odjerna giet kundannata biex fi zmien mid-data tas-sentenza taghti lil kull wiehed u wahda mill-atturi cavetta tal-fond numru 15, Xlendi Beach, Xlendi, u thallihom jaghmlu uzu liberament mill-ambjenti komuni tal-istess fond barra l-kamra li tinsab mikrija lilha bhala konvenuta.

Bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Jannar, 1992 giet ikkonfermata is-sentenza appellata b'dana li l-konvenuta inghatat il-fakolta` li sa l-ahhar ta' April, 1992, a spejjes taghha, taghmel xogholijiet strutturali li jassikuraw acces lill-atturi ghall-ambjenti tal-fond in kwistjoni, bl-eskluzjoni tal-kamra mikrija lilha, u dana bl-anqas hsara u inkonvenjent possibbli u, kompliet l-istess sentenza "*jekk u meta dawn ma jsirux,*" l-istess konvenuta giet kkundannata li lil kull wiehed mill-atturi, a spejjes taghhom, tfornihom b'cavetta tal-bieb ta' barra tal-fond, mil-liema bieb huma jkunu jistghu jaccedu ghall-ambjenti l-ohra barra l-kamra mikrija lilha.

Gara li wara dik is-sentenza, u billi l-konvenuta kienet ghazlet li tuzufruwixxi mill-fakolta` koncessa lilha fis-sentenza, inqala hafna disgwid bejn il-partijiet dwar kif u fejn kellhom jigu esegwiti x-xogholijiet sabiex jinghata dan l-access. Il-Perit Dimech, li kien tqabbad minn din il-Qorti biex jissorvelja x-xogholijiet in esekuzzjoni tas-sentenza, kien issugerixxa li jsiru xogholijiet li, sabiex jinghata dan l-acces, kienu ser jinvadu proprjeta` ohra mhux mertu tal-kawza deciza bis-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992. Ghal dan kien hemm opposizzjoni da parte tal-atturi u kien ghalhekk li l-Perit talab direzzjoni ta' din il-Qorti filwaqt li l-konvenuta talbet li tigi awtorizzata tezegwixxi x-xogholijiet kif suggeriti mill-perit nominat.

B'degriet tat-18 ta' Awissu,1992 din il-Qorti, kif dakinhar komposta, pprovdiet fuq ir-rikors tal-Perit Dimech billi qalet hekk: "*Tirriferixxi lir-rikorrent ghad-dispositiv <u>preciz</u> tas-sentenza, u bir-rigward kollu tindikalu li hemm hekk m'hemm ebda permess biex jsiru xogholijiet hlief fil-parti tal-fond mikri lill-konvenuta. <u>Riferenza</u> ghandha ssir ukoll ghad-digriet ta' llum stess wara r-rikors r-rikors ta' Maria Rosa Tabone.*"

Fid-digriet tat-18 ta' Awissu, 1992 fuq rikors tal-konvenuta sabiex tinghata estensjoni tat-terminu ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet skond kif suggerit mill-Perit Dimech, din il-Qorti, kif diversament komposta, qalet hekk: "*Tosserva illi r-rikorrenti <u>jidhrilha</u> li b'xi mod tista` tifhem is-sentenza taghha <u>bhala</u> awtorizzazzjoni biex hija tista' taghmel xogholijiet f'xi parti mill-proprjeta` li mhix mikrija lilha – hija din il-pretensjoni ghal kollox arbitrarja li tawlet inutilment il-kwistjoni bhala <u>l-ahhar</u> koncessjoni taghti lill-konvenuta zmien <u>xahar</u> mil-lum biex taghmel – <u>jekk trid</u> u fil-parti lilha mikrija ix-xogholijiet li jidhrilha biex tehles mill-obbligu li thalli l-koproprjetarji eredi l-ohra jghaddu mill-hanut.*"

Minkejja dawn il-provvedimenti hekk cari ta' din il-Qorti, fil-31 ta' Awissu, 1992 il-Perit Dimech rega adixxa din il-Qorti u talab provvediment dwar ix-xogholijiet li kellhom isiru. Fuq dan ir-rikors il-Qorti fid-29 ta' Settembru, 1992 irriferit lil Perit ghad-digriet taghha precedenti (u cioe` dak tat-18 ta' Awissu, 1992) u ghal dak tas-16 ta' Settembru 1992

wara rikors li ghamlet Maria Rosa Tabone u qalet li dan *"ghandu jitqies bhala assolutament konklussiv."*

Effettivament fid-digriet tas-16 ta' Settembru, 1992 din il-Qorti ddisponiet darba ghal dejjem dwar l-incertezzi apparenti u l-inkonsistenzi manifestati mill-konvenuta billi qalet hekk: "*peress illi huwa skond is-sens, illi dak li ghandhom isofru l-atturi huwa li jsiru xogholijiet strutturali fil-kamra –hanut, li taghha huma koproprjetarji u li kieku ma kienx ghas-sentenza ma kienux jistghu jsiru minghajr il-kunsens taghhom, kif ukoll illi din is-soluzzjoni qedgha tinghata biex il-konvenuta tkun tista' tehles mid-dritt tal-atturi li jghaddu mill-hanut kull darba li jridu jaccedu ghall-parti ta' wara tal-fond, fil-pjan terren – l-istess soluzzjoni ma tistax bl-ebda mod tiftiehem li ghandha taggrava b'tibdil il-bqija tal-fond – semplicement ghaliex il-konvenuta ghandha l-lokazzjoni tal-kamra ta' barra fil-pjan terren."*

B'dana kollu x-xogholijiet li gew esegwiti mill-konvenuta fit-18 ta' Settembru, 1992, taht is-sorveljanza tal-Perit Dimech kienu in kontravenzjoni ma dak li kien provdut fis-sentenza u konfermat fid-diversi digrieti ta' din il-Qorti u dana billi x-xogholijiet esegwiti kienu dawk proposti originarjament mill-Perit Dimech.

In segwitu ghal dan, u billi l-atturi hassew li, stante li kien ghadda t-terminu moghti fid-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Awissu 1992 u x-xogholijiet esegwiti ma kienux konformi mas-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Jannar, 1992, dawn talbu lill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex (Sede Superjuri) li jinhareg "*mandat in factum"* kontra l-konvenuta. Din it-talba izda giet michuda minn dik il-Qorti b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 1992 fuq il-motiv illi: "*Billi l-A.I.C. Joseph Dimech nominat mill-Qorti sabiex jissorvelja l-esekuzzjoni tas-sentenza ddikjara li x-xogholijiet in esekuzzjoni saru.*"

Kien ghalhekk li l-atturi b'citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Frar, 1993 quddiem il-Qorti tal-Magistrati – Ghawdex (Sede Supejuri) talbu r-revoka tad-digriet fuq citat u li l-Qorti tordna l-hrug ta' Mandat *in factum* kemm-il darba

jghaddi inutilment iz-zmien moghti lill-konvenuta ghall-esekuzzjoni tas-sentenza.

Il-proceduri hawn fuq imsemmija gew determinati finalment b'sentenza ta' din il-Qorti (kif diversament komposta) tas-27 ta' Jannar, 1997, u cioe` s-sentenza meritu tal-presenti ritrattazzjoni. F'dik is-sentenza din il-Qorti rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati – Ghawdex moghtija fl-1 ta' Frar, 1994 – li kienet reget cahdet it-talba ghal hrug ta' mandat *in factum* u laqghet it-talbiet ta' l-atturi appellanti. Is-sentenza tkompli hekk: "*Konsegwentement il-Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili tat-30 ta' Ottubru, 1992, tordna l-hrug ta' mandat in factum kontra l-konvenuta, kwante volte din ma tezegwix is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-1 ta' Gunju, 1989, kif konfermata bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Jannar, 1992, u dana fi zmien perentorju ta' xahar millum li qed jigi b'din is-sentenza stabbilit. Tordna l-hrug tal-mandat in factum kif mitlub mill-atturi appellanti, jekk dan it-terminu jghaddi inutilment. L-ispejjes taz-zewg istanzi, inkluzi dawk konnessi mal-procedura ghall-hrug tal-istess mandat ikunu a karigu ta' l-appellata.*"

Minn din is-sentenza l-konvenuta qed titlob ritrattazzjoni billi tirravisa fiha disposizzjonijiet kontradittorji (a tenur tas-subinciz (i) tal-Artikolu 811), u billi l-istess sentenza hija milquta bi zball li jidher mill-istess atti (a tenur tas-subinciz (l) tal-Artikolu 811 dejjem tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fil-verita` din il-Qorti wara li ezaminat l-aggravji tal-retrattanda u dana fil-kuntest ta' dak li gara fuq firxa ta' ghaxar snin, issibha difficli li tirraviza xi element li jista' jikkonforta t-tezi tal-konvenuta. Ghandu jigi rilevat fl-ewwel lok li s-sentenza tat-13 ta' Jannar, 1992 ta' din il-Qorti kienet biss qedha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili ta' l-1 ta' Gunju, 1989 meta l-konvenuta kienet giet kkundannata tikkonsenja cavetta tal-fond 15, Triq Marina, Xlendi, lill-atturi. Il-fakolta moghtija lill-konvenuta b'dik is-sentenza, u cioe` li minflokk tikkonsenja cavetta lill-atturi taghmel xogholijiet sabiex tassikuralhom il-passagg ghall-ambjenti

retroposti l-fond fuq imsemmi, kienet biss alternattiva proposta minn din il-Qorti biex l-istess konvenuta tehles minn dak id-dritt ta’ passagg li bil-moghdija taz-zmien u bil-mewt ta’ l-awtur tal-atturi, kien sar aktar gravuz.

Kienet ghalhekk fid-diskrezzjoni tal-istess konvenuta li taghzel li tezegwixxi ix-xogholijiet suggeriti fis-sentenza tas-13 ta’ Jannar, 1992 u liema xogholijiet kellhom jsiru skond l-imsemmija sentenza, li, skond ma jidher mid-digrieti sussewgenti istigati mill-istess konvenuta u l-Perit Dimech, ma kienetx tehtieg xi interpretazzjoni partikolari. Tant hu hekk li fid-digriet tat-18 ta’ Awissu, 1992 l-istess Qorti qalet lill-Perit Dimech li kien talab direttivi minhabba kwistjonijiet ta’ bejn il-partijiet “dwar it-tip ta’ xogholijiet li ghandhom isiru, “*tirriferixxi lir-rikorrent ghad-dispositiv* *<u>preciz</u> tas-sentenza .......”*

Isegwi li meta l-konvenuta ezegwit x-xogholijiet kontra dak provdut fl-imsemmija sentenza, kienet awtomatikament qed tirrinunzja ghall-fakolta moghtija lilha fis-sentenza ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Jannar, 1992. Il-konsegwenza naturali ta’ dan kienet li dahlet in vigore s-sentenza ta’ tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili ta’ l-1 ta’ Jannar, 1989 fejn il-konvenuta giet kundannata tikkonsenja c-cavetta tal-fond fuq imsemmi lill-atturi, liema sentenza kienet giet konfermata fl-appell. Isegwi ukoll li, gialadarba rrizulta li l-konvenuta naqset li tikkonsenja c-cavetta kif ordnata taghmel bis-sentenza ta'l-1 ta'Jannar, 1989 din il-Qorti kienet pjenament gustifikata li tordna l-hrug ta’ mandat in factum fis-sentenza ritrattata. Minn dan jidher li s-sottomissjoni tar-ritrattanda a tenur tas-sub-inciz (i) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta mhux sostenibbli billi ma jirrizulta ebda konflitt bejn il-parti dispositiva tas-sentenza tat-13 ta’ Jannar, 1992 u dik tas-sentenza tas-27 ta’ Jannar, 1997. Apparti minn hekk, id-“disposizzjonijiet kontra xulxin” iridu jkunu fid-dispozittiv ta’ l-istess sentenza, u mhux fid-dispozittiv ta’ sentenza fil-konfront tad-dispozittiv f’sentenza <u>ohra</u>.

Illi dwar it-tieni sottomissjoni bazata fuq is-subinciz (l) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jigi semplicement osservat li, kif gja inghad hawn fuq, id-

dispositiv tas-sentenza tat-13 ta’ Jannar, 1992 kien car, kif del resto, jirrizulta mid-diversi digrieti ta’ din il-Qorti in segwitu ghall-imsemmija sentenza. Ghalhekk proprjament la il-partijiet u lanqas il-Perit mahtur biex jissorvelja l-esekuzzjoni tax-xogholijiet li l-konvenuta kienet inghatat il-fakolta` li taghmel bhala alternattiva ghall-konsenja tac-cwievet, ma kienu jehtiegu xi kjarifiki. Inoltre ghal dak li gie sottomess mir-ritrattanda li hi ma kienetx taf bid-digriet tas-16 ta’ Settembru, 1992 qabel ma ezegwit x-xogholijiet, jigi rilevat li dan id-digriet kien inghat fuq rikors ta’ l-istess konvenuta u kien ghalhekk jispetta lill-istess konvenuta, qabel ma tezegwixxi x-xogholijiet skond kif dehrilha hi, tara jekk il-Qorti kienitx tat xi provvedimenti fuq it-talbiet taghha. Inoltre jigi ukoll rilevat li l-istess konvenuta ma tistax tinvoka “injoranza” ta’ dak li kien mistenni minnha skond l-parti fakoltattiva tad-dispositiv tas-sentenza tat-13 ta’ Jannar, 1992 u dana billi b’digriet tat-18 ta’ Awissu, 1992 din il-Qorti, kif diversament komposta, kienet ghamlitilha cara li l-pretensjoni taghha li tesegwixxi x-xogholijiet skond kif suggerit mill-Perit Dimech, kienet ghal kollox “*arbitrarja*” u li ma setatx taghmel xogholijiet f’propjeta` ta’ terzi, kif effettivament ghamlet.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-talba tal-konvenuta sabiex tigi mhassra s-sentenza ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Jannar, 1997 u l-konsegwenti ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi Citazzjoni numru 26/93 qed tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta ritrattanda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------